Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

It- Tnejn 20 ta' Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.08pm

**17.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

17.1.1 Is- SE infurma lil Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand is- Sinjura Camille Scerri li ma setatx tattendi minħabba li kienet ħa tkun msiefra. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

17.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tas- Sittax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

17.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**17.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

17.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li beda x-xogħol ta' twaħħil tal-*perimeter fencing* madwar Gnien Howard. Fakkar ukoll li la darba jitlesta it-twaħħil, Ambjent Malta ser ikunu jiffornixxu *hedges* għal madwar il- fence.

17.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li l-Kattidral ta' l-Mdina ser jagħti bħala donazzjoni lil Kunsill *milestone* li fl-antik kienet mpoġġija fid-daħla ta' l-Mdina magħrufa bħala Porta Reale. F'isem il-Kunsill, is- Sindku rringrazzja lil Kapitlu tal-Kattidral.

17.3.3 Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li jitwaħħlu aktar *dustbins* madwar l-Mdina u għaldaqstant talab l-approvazjoni tal-Kunsill biex tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex jinxtraw seba' dustbins ġodda. Il-Kunsill approva. Dan il-finanzjament ser jipprova jġibu mingħand r-Regjun Punent peress li hemm xi fondi allokati għal dan il-għan.

17.3.4 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li d-Direttorat tar-Restorazzjoni kompla isegwi x-xogħolijiet li hemm bzonn isir biex titranġa l-għajn tas- Saqqajja u fil-ġimgħat li ġejjin ser jitwaħħlu travi ġodda.

17.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li hekk kif bdew l-ewwel jiem tax-xita, huwa ħa l-inkarigu biex jitqabbdu il-Kopperattiva Tabelli u Sinjali buex jagħmlu xogħolijiet ta' *bush hammering* fi Triq L-Imħazen, Gate ta' L-Mtarfa, Triq Mesquita u fejn iz-*zebra crossing* ta' fejn Casino Notabile. Dan ix-xogħol urġenti sar biex jiġi evitat l-periklu għal min ikun għaddej minn hemm u li kieku ma sarx konna qed nissugraw li jweġġa xi ħadd bil-konegwenzi kollu tagħha.

17.3.6 Is- Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex jinbidel il-*pole* ta' fejn iz-*zebra crossing* ta' quddiem is- Saqqajja bar peress li tgħawweg.

**17.4 Kontijiet tad- dawl- CCTV Ta' Sura**

17.4.1 Is- SE infurma lil Kunsill li rċieva mingħand Arms ittra biex fi zmien sebat ijiem tiħallas s-somma ta' € 2568.96 fuq is-CCTV cameras li jinsabu fid-daħla tal-car park. Is- SE qal li sfortunatament dawn is-CCTV cameras li kienu twaħħlu izjed minn ħmistax il-sena ilu u li dak iz-zmien kienu propjeta ta' LESA, G4S u Regjun tat- Tramuntana għal xi raġuni jew oħra is-SE ta' dak iz-zmien kien applika għal meter f'isem il-Kunsill bil-konsegwenza li wara dan iz-zmien, għal kontijiet l-unika wieħed reponsabbli biex jitħallsu kien biss il-Kunsill. Ħaddieħur ġie jaqa' u jqum. Filfatt fl-2020 diġa kien hemm kont ieħor ta' l fuq minn €8000 fejn wara insistenza tal-Kunsill u battibekki sar ftehim biex il-ħlas ta' dan il-kont isir mill-partijiet kollha involuti.

17.4.1.1 Għaldaqstant is- SE kien ta' l-opinjoni li wasal z-zmien li dan il-*meter* jiġi mneħħi u li jekk irid ikun hemm sorveljenza dan ma għandux isir għal skapitu ta' finanzjament mill-Kunsill għax wara kollox ma kien qed jibbenifika xejn apparti li xorta kien u għad baqa hemm rebus f'dik l-area. Biex dan il-*meter* jitneħħa, il-kontijiet pendenti iridu jitħallsu kollha u peress li fuq meters oħra li ghandu fuq ismu il-Kunsill hemm xi krediti favur, huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir *offsetting* u jinbeda l-proċess tat-tneħħija tal- meter in kwistjoni. Il-Kunsill approva.

**17.5 Tizjin tal- Milied u Dawl Dekorattiv**

17.5.1 Is- SE nfurma lil Kunsill li ser tinħareg sejħa għal kwotazzjonijiet fuq Epps għal dawk interessati f'dan is-servizz. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**17.6 Permessi ta' Dħul għal- karozzi tat- Tieġ**

17.6.1 Ġie nnutat li karozzi tat-tigijiet li jinħargilhom permess ta' dħul bħala *loading/unloading* biss ħlief għal karozza ta' l-għarusa kienu qed jinqaw ipparkjati hemm u li kellu bzonn tittieħed azzjoni.

17.6.2 Il-Kunsill ħa deċizjoni li meta jkun hemm tieġ, għandhom jitqabbdu wardens biex matul dawk is-siegħat tat-tieġ, jissorveljaw li ma jkunx hemm karozzi pparkjati mingħajr permess

**17.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

17.7.1 Is- SE infurma lil Kunsill li ġie ffirmat agreement ġdid ma' Intercomp għal kiri ta' photocopier/ scanner fejn gie mibdul apparat ġdid ma dak l-antik.

17.7.2 Is- SE infurma lil Kunsill li korripondenza li ntbghatet mill-avukat tal-Kunsill lil TM fl-aħħar ta' Gunju 2025 fuq il-kwistjonijiet pendenti li għandu il-Kunsill f'dak li jirrigwarda pellican crossing Saqqajja, Karozzini li jinsabu l-Mdina u r-rati ġodda għal ħruġ permessi għal dħul fl-Mdina, la rċevejna acknowledgement u lanqas risposta fuqhom.

17.7.3 Reġjun Punent- Ir- Reġjun bgħat jinfurma lil Kunsill li ser tinħareġ sejħa għal offerti biex kull Kunsill jingħata AED defribilator.

17.7.4 DLG- Cir. 04/2025 Fondi għal-Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali.

17.7.5 Malta Marathon - Talba għal no objection biex issir t-tirgrija annwali ta ' Diċembru u Frar li ġej. Il-Kunsill approva.

**17.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

17.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 13 ta' Ottubru 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 18,987.51

17.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**17.9 Tmiem tal- Laqgħa**

17.9 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.42pm u ġiet aġġornata għal-24 ta' Novembru 2025 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___17 ta' Novembru 2025__